# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1396/2013

## tas-17 ta' Diċembru 2013

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-Ħalibatt tal-Groenlandja fiż-żona NAFO 3LMNO minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2013.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk li hemm referenza għalih fl-Anness ta' dan ir-Regolament li saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2013.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2013 allokata lill-Istat Membru li hemm referenza għalih fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk, għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk, jew li huma rreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, li jiġi ttrasferit, jiġi ttrażbordat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 23, 25.1.2013, p. 54.

*ANNESSI*

| | |
|---|---|
| Nru | 82/TQ40 |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | GHL/N3LMNO |
| Speċi | Ħalibatt tal-Groenlandja (*Reinhardtius hippoglossoides*) |
| Żona | Iż-żona 3LMNO tan-NAFO |
| Data Tal-Għeluq | 4.12.2013 |